# Il-Festa tal-Vitorja - Dari u llum -

*Doris Mifsud*

Is-snin igerrbu ! Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna 'l ħadd. Drawwiet jitwieldu u oħrajn imutu. Dan jiġri f'kull rokna tad-dinja. Hekk ġara fir-raħal tagħna l-Mellieħa. F'kull qasam tal-ħajja twieldu u mietu ħafna drawwiet, imma llum se nikkonċentraw biss fuq il-festa tal-Vitorja. Ħafna mid-drawwiet li se nsemmi jien ma niftakarhomx u għalhekk kelli nfittex l-għajnuna ta' żewġ persuni biex jagħtuni l-informazzjoni li ma niftakarx jien. Dawn huma Dun Mose' Debono u s-sur Salvu Buttiġieġ u ta' dan nirringrazzjahom.



Santa maħruġa mill-Parroċċa tal-Mellieħa fl-1906 bit-talba tal-Madonna fuq wara

Matul in-noveni tal-Vitorja kien isir serbut bil-maskli mill-Mitħna sas-Santwarju. Dawn illum m'għadhomx isiru. Sakemm ma kienx hawn id-dawl elettriku, li wasal il-Mellieħa fl-1949, it-toroq u ż-żewġ knejjes kienu jiżżejnu bit-tazzi tal-ħġieġ ikkuluriti, mimlijin biż-żejt ta' l-ikel u kienu jinxtegħlu bil-lumini (ftila tat-tajjar tgħum fiż-żejt permezz ta' tliet biċċiet sufri żgħar). Fil-bnazzi kien ikun fihom għaxqa, pero' fir-riħ u bix-xita kienu jintfew. Kien inkarigat mill-armar tat-tazzi ċertu Patist minn Ħaż-Żebbuġ, Malta. Kellu oħrajn miegħu, aktarx uliedu.

Minn fejn illum hemm il-Kunvent tas-Sorijiet, dari magħruf bħala ta' Randi ta' Ġiljan, sal-bitħa tas-Santwarju, kienu

jintramaw l-arki tal-ħadid, kbar u fuq pilastri għoljin, u dawk l-arki kellhom disinni sbieħ ferm, u madwar id-disinn kienu jintrabtu t-tazzi kkuluriti biż-żejt.

Imbagħad għall-ħabta ta' l-1935, il-kappillan/i bdew iġibu mutur kbir (kompressur) mingħand Mamo u Filletti. Kienu jqiegħduh ħdejn il-maħżen, fil-pjan tat-taraġ it-twil tas-sur, u kien jixgħel il-knisja Parrokkjali minn ġewwa, parti mill-knisja minn barra u l-Pjazza tal-Parroċċa. Sa dak iż-żmien il-Knisja Parrokkjali kienet tinxtegħel bil-brazzi tal-gass (bil-faħam - luċetilena).

In-noveni tal-Vitorja ta' dari ukoll kienu differenti minn tal-lum. Kienet issir il-Quddiesa tal-5.30am. u filgħaxija, imbagħad, kienet titkanta t-talba tal-Kompieta, issir priedka fuq is-suġġett, titkanta l-Antifona - In-Nativitas Tua-u tingħata l-Barka Sagramentali. Kemm filgħodu u kemm filgħaxija l-attendenza kienet tkun numeruża ħafna.

Nhar il-festa kienu jisparaw il-musketterija (trikkitrakki), il-maskli u xi murtali tal-bomba. Wara l-gwerra daħlet id-drawwa li tingħata l-Kaxxa Nfernali.

Minn mindu twaqqfu l-każini tal-banda, il-banda kienet u għadha importanti ħafna għall-festa, għax toħloq atmosfera ta' ferħ bil-mużika li toffri. Aktar minn 70 sena ilu, kien hemm ċertu Patri Pawlu Bezzina O.F.M. Conventwali, mill-Mellieħa, li kien jagħmel il-bandieri u jagħtihom f'idejn it-tfal għal waqt il-marċ.

Id-drawwiet ta' nies ibigħu l-affarijiet, speċjalment għat-tfal, ilha teżisti. Fl-antik kien ikun hemm wieħed raġel ibigħ il-pasturi ħdejn ir-rixtellu tal-Kappillan fil-Pjazza tal-Parroċċa. Kien ikun hemm ukoll xi ħadd idawwar iċ-ċippitatu biex dak li jkun jirbaħ ruġġata li kienet tkun qisha 'granita' għax il-ġelat kien għadu mhux popolari bħal-lum. Tazza ruġġata kienet tqum sitt ħabbiet (2 mils tal-lum). Biex it-tfal ta' dak iż-żmien kien ikollhom xi ħaġa x'jonfqu għall-festa, kienu jibdew iġemmgħu xi ħaġa tal-flus minn ħafna qabel. F'Lulju jinġabar il-ħarrub mill-bdiewa, imma t-tfal kienu jmorru jlaqqtu dak il-ħarrub li jħallu l-bdiewa u jbigħuh tliet soldi l-wiżna (1c 3 kull erba' kilos). B'hekk kien ikollhom xi ħaġa tal-flus iċċekċek fil-but u kienu jkunu jistgħu jixtru ukoll xi santi u kwadri żgħar tal-Qaddisin jew xi gassijiet ta' l-istilel li kollha kienu jinbigħu fil-pjazza. Għal waqt il-marċi, kienu jinħarqu l-gassijiet ta' madwar metru tul u kienu perikolużi ħafna. Mhux l-ewwel darba li splodew u ħarqu lil min jaħraqhom u oħrajn fil-qrib. Qabel ma tibda l-purċissjoni u hi u dieħla l-vara, kont tara duħħan grass aħdar tiela' quddiem l-istatwa tal-Vitorja. Dan illum inqata' għal kollox.

L-armar li jintrama fil-pjazza tal-Parroċċa beda jinħadem madwar l-1935, imbagħad minħabba l-gwerra waqaf ix-xogħol u tkompla għal xi l-1947. Id-disinjatur kien Ġużeppi Muscat minn Birkirkara - bil-laqam *Ta' Mass*. Dawk li ħadmu fuqhom kienu Melleħin u fost dawn insibu lil Wiġi Debono, Wiġi Sultana, Ġamri Frendo bil-laqam *Gremelli*, Leli Vella l-*Ġoles*, Toni Debono l-*Kika*, Toni Fenech *ta' Smitt* u oħrajn. Ninu Fenech tal-*Klesis* kien reġa' żebagħhom mill-ġdid. Dan l-armar għadu jeżisti u għadu jintrama ukoll. Ninu Fenech kien involut ħafna fit-tiżjin tat-toroq prinċipali fi żmien il-festa. Għalhekk kien jagħti karti kkuluriti u spag lit-tfal biex dawn jagħmlu l-liedna għat-tiżjin tat-toroq.

Kienu kemm kienu fqar, in-nies ta' dari kien jeħtieġ li lkoll kemm huma jidhru għall-festa b'libsa ġdida u sabiħa, u hekk kienu jħossuhom li l-festa tal-Vitorja tfisser xi ħaġa għalihom. Xi ftit ġimgħat qabel il-festa kont tara bejjiegħa mhux Mellihin iduru mat-toroq tal-Mellieħa jbigħu d-drappijiet għall-ilbiesi. Illum in-nies imorru f'Boutique u jixtru libsa meħjuta u lesta, imma dari ma kienx hawn din l-użanza. Il-libsa kienet tinħiet u għalhekk fil-Mellieħa kien

hawn numru sostanzjali ta' ħajjatin li fil-ġranet ta' qabel il-festa kienu bilkemm jorqdu biex ikunu jistgħu jlestu l-ħwejjeġ tal-parruċċani tagħhom. Wara li l-ħajjata tfassal u tgħaqqad il-libsa, sidt il-libsa kienet trid tmur iġġarrab (tipprova) il-libsa, biex din il-libsa tiġi pulita kemm jista' jkun.

Il-festa kienet tgħaqqad il-familja, u kienet tkun mixtieqa ħafna. Il-familji kienu jistiednu lil qrabathom u lil ħbiebhom li kienu jgħixu barra mill-Mellieħa. Il-mara tad-dar kienet tħejji l-ikla ta' nofsinhar għall-familja tagħha u għall-mistednin. L-ikla prinċipali kienet tkun xi fenkata, imma l-fran prinċipali tal-Mellieħa, nhar il-Vitorja kienu jaħmu l-ikel tan-nies speċjalment ir-ross, imqarrun jew patata fil-forn. Irridu niftakru li l-maġġoranza tal-Melliħin ma kellhomx 'cooker' bil-forn fid-dar, bħalma għandna llum.

Il-qubbajt huwa l-ħelu tradizzjonali tal-festi fl-irħula Maltin, u fil-Vitorja ma jonqosx li tara l-imwejjed tal-qubbajt armati sa snienhom fil-pjazza tal-Parroċċa. Sa ftit snin ilu, matul il-ġurnata tal-festa ,kont tara raġel idur mat-toroq tal-Mellieħa jbiegħ il-qubbajt. Il-Melliħin ta' ċerta eta' jiftakruh sew u fostna kien magħruf bħala 'Ċikku tal-qubbajt', li ukoll kien ikollu l-mejda armata bil-qubbajt fil-Pjazza tagħna.

Il-festa tal-Vitorja kienet tibda bin-Novena, imma l-qofol tal-festa kienu jkunu l-aħħar tlett ijiem. Kont tħoss dak il-ferħ dejjem jiżdied, iktar ma toqrob il-festa. Kien hawn ukoll drawwa li fil-ġranet ta' qabel il-festa kien ikun hawn ħafna Saċerdoti Għawdxin għall-Qrar.

Il-festa tal-Vitorja minn dejjem kienet popolari, anke ma' nies li ma jgħixux il-Mellieħa. Kienu jiġu ħafna nies minn Parroċċi oħra bil-karettuni u l-ħmir. Ħafna minnhom kienu joqogħdu taħt il-loġoġ fil-bitħa tas-Santwarju. Il-Melliħin li kellhom xi remissa kienu jikruha lill-barranin biex jagħlqu l-ħmir tagħhom fiha fil-lejl ta' lejlet il-festa. Kien hemm id-drawwa li n-nies li jiġu jżuruna lejlet il-festa kienu jqattgħu ħafna ħin fil-għaxija



Il-Kmamar tal-Pellegrini u d-daħla tal-Madonna ta' l-Għar.
Ritratt meħud fl-1940 fejn tidher nieqsa l-latrina preżenti

jgħannu u jieklu. Kienu jiġu ħafna Għawdxin u joqogħdu wara l-Knisja Parrokkjali fejn illum hemm il-bandli. L-anzjani tagħna jiftakru li l-għada tal-Vitorja filgħodu, iz-zuntier, fuq is-sur, u wara l-Knisja Parrokkjali kienu jsiru mandra bil-fdalijiet ta' l-ikel u b'mod speċjali bil-fdalijiet tad-dulliegħ u tal-bettiegħ.

Il-festa tal-Vitorja tal-lum qegħdin ngħixuha jien u int. Illum il-festa ħadet xejra oħra. Għandna d-dawl elettriku li bih speċjalment bil-lejl, tista' żżomm il-festa għaddejja. Flus fl-idejn hawn ħafna aktar. Biex tarma u żżarma għanda l-makkinarju. Kważi nistgħu ngħidu li kollox jista' jsir minna fina - mill-Melliħin stess - kemm fejn tidħol mużika, armar, tiżjin eċċ. Meta sar qassis Dun Mose' Debono fl-1956, ħa f'idejh it-tagħlim ta' l-abbatini, kien jagħmel in-Noveni kollha bil-kant mill-istess abbatini. Fil-Knisja, il-festa tal-Vitorja, hi organizzata tajjeb ukoll bil-knisja mżejna bil-fjuri, dwal, lampieri u ventartali. Id-dawl tal-faċċata taż-żewġ knejjes beda jsir minn Melliħin, anke dak ta' matul it-toroq. Waqt li l-istess ngħidu għall-wirja tal-logħob tan-nar, kemm ta' l-ajru kif ukoll ta' l-art.

Il-baned La Vittoria u Imperial jorganiżżaw bil-kbir biex idoqqu l-innijiet ta' waqt il-marċi fit-toroq. Daż-żmien il-festa tibda kważi ħmistax-il ġurnata qabel. Dan l-aħħar fil-festa esterna żdied id-divertiment u waqt il-marċi, il-Mellieħa ddakret minn parroċċi oħra, b'ħafna żgħażagħ jagħmlu briju sħiħ.

Punt pożittiv ħafna li qegħdin naraw fil-festa tal-lum hu li wara l-puċissjoni bl-istatwa ta' Marija Bambina matul it-toroq tagħna, qiegħed ikun hemm ħafna nies jgħidu r-rużarju tal-Madonna. Drawwa sabiħa oħra li daħlet dan l-aħħar hi li x'ħin tasal l-istatwa tal-Madonna fuq iz-zuntier, qabel ma tiġi mdaħħla fil-knisja, in-nies kollha jkunu mistiedna li jkantaw l-innijiet tal-Madonna, bl-akkumpanjament tal-Banda fil-qrib.

Għall-quddiesa ta' nhar il-festa filgħodu qiegħed ikun hemm numru kbir ta' nies. Matul l-aħħar tlett ijiem, ikollna konfessuri barranin għall-Qrar. Lejlet il-festa filgħodu tkun organizzata Quddiesa għall-anzjani u l-morda. Dawn l-istess anzjani u morda, nhar il-festa filgħaxija, ikunu mistiedna fuq iz-zuntier, bilqiegħda biex igawdu l-ħruġ u d-dħul tal-vara tal-Bambina.

Wara li tkun daħlet il-vara u jkun spiċċa l-ħruq kollu tan-nar, il-gruppi li jkunu ħadmu u taw in-nar, jidħlu fil-Knisja Parrokkjali u jgħidu xi talb biex jirringrazzjaw lil Alla u lill-Madonna li kollox mar sewwa.

Min jaf kemm drawwiet oħrajn li ma semmejtx jien, twieldu u mietu. Setgħu kienu drawwiet sbieħ jew mhux daqshekk sbieħ. Forsi għad baqa' ħafna iżjed x'wieħed jista' jżid, imma x'imkien trid tieqaf. Issa li qegħdin ngħixu fl-ewwel seklu ta' Millenju ġdid, min jaf kemm drawwiet ġodda għad jitwieldu u li aħna, forsi, ma jkollniex ix-xorti li naraw. J'Alla l-festa tagħna tibqa' popolari kif kienet s'issa u j'Alla Marija Bambina tibqa' tipproteġina dejjem.

L'amigo

Bar, Ristorante,
Pizzeria



OPEN-AIR VERANDAH

*Special Menus for groups/ families can be arranged.*

**79, Main Street, Mellieħa SPB 14**
**Tel: 52 08 22**

*L'Amigo — where friends meet!*